MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1437/2004

**S.Mifsud & Sons Ltd. (C341)**

**vs**

**Strata Designs Ltd. (C1346)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disghin lira Maltija (Lm690.00) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' spazju ta' reklamar mixtri mis-socjeta` konvenuta, fil-brochure mahrug mill-agenzija Cosmos ghall-istagun 2001, kif jidher mill-istatement datat 22 ta' Awissu, 2001 anness bhala Dok.A.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' interpellazzjoni u tal-mandat ta' sekwestru numru 1343/04 u bl-interessi sa**

**mid-data ta' meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-22 ta' Settembru, 2004 fejn intqal:**
**i. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante illi l-ammont pretiz ma hux dovut, u dan peress illi ma ntlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet kontendenti dwar l-allegat reklamar, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Borg, Charles Schembri, Frances Schembri u Joseph Cristiano. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' reklamar li sar fi brochure mahrug minnha. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li qatt ma kien hemm ftehim dwar tali reklamar. Jirrizulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub.**

**2. Michael Borg *Sales and Marketing Manager* tat-*Tours Department* mal-SMS jikkonferma li kien ikkomunika ma' *Strata Designs Limited*, biex jara humiex interessati li jpoggu avviz fil-*brochures* mahruga mill-SMS. Skond Borg, wiehed mill-propjetarji tas-socjeta` konvenuta kien accetta li jiehu parti f'dan il-*brochure,* u ftehmu fuq il-prezz ta' sitt mitt lira (Lm600) piu` VAT. Skond Borg meta kien lest id-design tal-brochure kien rega' kkonferma ma' wiehed mill-proprjetarji qabel ma jkomli jmexxi. Il-*brochure* fil-fatt hareg, Dok B esebit. Sussegwentement Borg kien icempel ghall-hlas u skond hu kien jinghad lilu li n-negozju kwiet, u li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta.**

**3. Charles Schembri direttur tas-socjeta` konvenuta jikkonferma li Borg kien avvicinah u staqsih jekk riedx jidhol f'kuntratt biex jibda jibghatilhom it-turisti, u skond Schembri kien intqal lilu li ghal dan ried ihallas elf lira (LM1,000) fis-sena lis-socjeta` attrici. Schembri kien spjega lil Borg li ma jiflahx ghal dawk l-ispejjez. Sussegwentement Borg issuggerixxa li ghall-ewwel sena l-ammont ikun ta' sitt mitt lira (Lm600), u dan kien biex jibghatilhom il-coaches bil-gwidi maghhom. Schembri jghid ukoll li saret proposta ta' prova fuq perjodu ta' hmistax-il jum, u hu accetta din l-ahhar proposta.**

**4. Schembri qal ukoll illi Borg kien qallu li ser jaghmillu reklami b'xejn, pero` il-fuljett Dok.B qatt ma kien rah. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha l-kartolina taghha, Dok.CS1. Schembri jinnega li qatt ma sar xi ftehim mas-socjeta` attrici.**

**5. Frances Schembri, mart Charles Schembri tikkonferma dak li qal zewgha.**

**6. Tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta li l-ftehim bil-miktub definitivament ma kienx hemm. Kien hemm pero xi forma ta' ftehim bil-fomm, ghalkemm vag hafna. Jaghmel sens dak li qed tikkontendi s-socjeta` konvenuta li l-ftehim kien biex jibghatulhom in-nies, milli biex igibuhom fil-brochure tas-socjeta` attrici. Ma jaghmilx sens li s-socjeta` konvenuta kienet taccetta li tidhol fl-ispejjez mitluba gjaladarba hi gja kellha r-riklam taghha permezz tal-kartolina. Jekk wiehed jikkompara l-kartolina tas-socjeta` konvenuta ma' dak migjub fil-brochure tas-socjeta` attrici, ma jistghax wiehed ma jinnutax li ma hemm xejn gdid, li r-ritratti u l-informazzjoni hija l-istess bhal dik li hemm fil-kartolina.**
**7. Ghalhekk definitivament dak li kienet qed tifhem is-socjeta` konvenuta meta sar id-diskors mar-rapprezentant tas-socjeta` attrici, kien intiz fis-sens li jingibulhom turisti, u mhux semplicement li tigi riprodotta l-kartolina taghhom fil-brochure tas-**

**socjeta` attrici. Ghalhekk, fic-cirkostanzi ma hemmx lok li tigi milqugha t-talba attrici.**

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici ma tirrizultax, it-Tribunal qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------